# EuroNews 19

## ON SPECIAL NEEDS EDUCATION

## F'din il-ħarġa...




MESSAĠĠ MID-DIRETTUR...2

WEBSAJT ĠDIDA GĦALL -AGENCY...3

GWIDA TA' AĊĊESSIBILITÀ GĦAL EDUKAZZJONI OGĦLA...4

ASSESSJAR F'AMBJENTI INKLUŻIVI...5/6

ID-DANIMARKA – Azzjoni flimkien: Stimulu għall-esplorazzjoni tal-inklużjoni...7

IL-ĠREĊJA – Riformi riċenti fis-sistema edukattiva Ellenika...8

SPANJA – 'Tots músics, tots diferents' (il-mużiċisti kollha, kollha differenti)...9

FRANZA – Żewġ inizjattivi ġodda ta' riċerka u taħriġ...10

IL-PORTUGAL – Il-linja editorjali tippromwovi l-ħiliet fil-litteriżmu...11







L-ISLANDA – Programm tal -università għall-istudenti b'diżabiltajiet intellettwali...11

L-ISVEZJA – Il-ħajja ta' kuljum fl-iskola għal studenti b'diżabiltajiet fiżiċi: studju etnoloġiku...12

IL-LUSSEMBURGU – 'L-iskola fundamentali', il-ġdida...13

IL-BELĠJU (IL-KOMMUNITÀ LI TITKELLEM BIL-FJAMMIN) – Proposta għal qafas ġdid ta' sostenn ta' tagħlim...14

IL-ĠERMANJA – Ratifikazzjoni tal-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għal nies b'diżabiltà...15

IR-RENJU UNIT (L-Ingilterra) – Suċċess għal kulħadd: titjib ta' riżultati-mira għal tfal u żgħażagħ bi ħtiġijiet speċjali edukattivi u diżabilitajiet...16


besser zusammen
JAHR DER INKLUSIVEN BILDUNG







MT

# MESSAĠĠ MID-DIRETTUR



**Għeżież Qarrejja,**

**F'din l-edizzjoni ta' EuroNews aħna se nagħtukom xi eżempji interessanti ta' inizjattivi ġodda fil-pajjiżi membri tagħna, kif ukoll l-aħħar aħbarijiet mill-Agency.**

Nispera li ssibu l-informazzjoni interessanti u ta' ħtieġa.

Jekk tkunu tixtiequ li tkunu tafu aktar, nispera li ssibu l-ħin biex iżżuru l-websajt ġdida tagħna fejn tkunu tistgħu żżommu ruħkom aġġornati mad-data tal-pajjiżi u l-leġiżlazzjoni riċenti u l-inizjattivi tal-policy madwar l-Ewropa, jew tesploraw ir-riżultati tal-investigazzjonijiet li aħna qegħdin nagħmlu f'isem is-27 pajjiż membru tagħna.

Bħalissa, qegħdin jiġru ħafna ħwejjeġ eċitanti li ma nistax niddeskrivihom kollha hawn, imma fl-istess ħin nixtieq li naqsam magħkom xi aspetti ewlenin tagħhom:

Għadna kif lestejna proġett tematiku ewlieni fuq waħda mill-aspetti ta' sfida li l-Ewropa qiegħda tiffaċċja bħalissa: kif tittratta 'Id-Diversità Multikulturali u l-Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali'. Fl-istess ħin, qegħdin jiġu fi tmiemhom żewġ proġetti – wieħed li jeżamina l-progress magħmul mill-pajjiżi fil-qasam ta' 'Intervent fit-Tfulija Bikrija' u l-ieħor li jara kif sett ta' 'Indikaturi għall-Kundizzjonijiet ta' Edukazzjoni Inklużiva' jista' jiġi żviluppat fil-livell Ewropew. Bħalissa qegħdin niffinalizzaw dawn il-proġetti u fl-edizzjoni tal-EuroNews li jmiss, aħna naqsmu aktar informazzjoni magħkom.

Din is-sena aħna bdejna proġetti li jagħtu ħarsa mill-qrib lejn żewġ oqsma ta' priorità tal-pajjiżi membri. Wieħed minn dawn jiffoka fuq 'Edukazzjoni ta' Għalliema għall-Inklużjoni' u jinvolvi rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bureau Internazzjonali Għall-Edukazzjoni tal-UNESCO bħala osservaturi parteċipanti. Il-proġett l-ieħor li qegħdin nagħmlu, bl-involviment taċ-Cedefop u l-OECD għandu x'jaqsam mal-'Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ'.

Fl-2010, aħna se nikkollaboraw mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni għal Kulħadd tal-UNESCO biex niżviluppaw bażi ta' riżorsi li tippreżenta eżempji innovattivi ta' policy u prattika għal edukazzjoni inklużiva. Dawn l-eżempji se juru l-azzjonijiet tal-policy li nsibu fid-dokument 'Gwidi ta' Politika għall-Inklużjoni fl-Edukazzjoni' tal-UNESCO.

Wieħed mill-aspetti ewlenin tas-sena li ġejja se tkun konferenza internazzjonali li l-Agency u l-Ministeru Spanjol tal-Edukazzjoni se jorganizzaw f'Marzu taħt il-Presidenza Spanjola tal-UE. Il-konferenza se tkun riflessjoni fuq it-titjib kurrenti fl-edukazzjoni inklużiva fi ħdan l-iskopijiet tal-objettivi ta' Liżbona 2010. Fl-istess ħin, l-għan huwa li naqsmu esperjenzi f'dan il-qasam ma' pajjiżi Latini Amerikani.

Nisperaw li intom issibu din l-edizzjoni tal-EuroNews fuq l-Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali informattiva. Bħal dejjem, inkunu interessati li nirċievu l-opinjonijiet tagħkom. Jekk jogħġobkom użaw l-informazzjoni fl-aħħar ta' din l-edizzjoni jekk tkunu tixtiequ tikkuntattjawna.

Nawguralkom qari għal qalbkom!

**Cor Meijer**
**Direttur**

# AĦBARIJIET MILL-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-IŻVILUPP TA' EDUKAZZJONI GĦAL ĦTIĠIJIET SPEĊJALI

## WEBSAJT ĠDIDA GĦALL-AGENCY

**Fl-aħħar sena, l-Agency żviluppat websajt kompletament ġdida li kienet ġiet iddikjarata miftuħa fir-rebbiegħa tal-2009!**

Dan ix-xogħol ta' żvilupp kien sar flimkien mal-Istitut għat-Tgħallim u r-Riċerka Teknoloġika (ILRT) fl-Università ta' Bristol, fir-Renju Unit (l-Ingilterra) http://www.ilrt.bris.ac.uk/. Sar stħarriġ online ta' analiżi tal-user u tagħrif ieħor inġabar mir-rappreżentattivi tal-pajjiżi tal-Agency. Ir-riżultati kollha ntużaw fl-iżvilupp tal-istruttura u d-disinn tal-websajt il-ġdida.

Imsejsa fuq is-suġġerimenti tal-users issa għandna għad-dispożizzjoni tagħna dawn il-ħwejjeġ:

- Is-sezzjoni tal-Aħbarijiet twessgħet biex tinkludi l-magazine tal-EuroNews tagħna, stqarrijiet għall-istampa u l-Bulettin Elettroniku tagħna. L-aktar karigi riċenti fit-taqsima tal-aħbarijiet jistgħu jinkisbu mill-homepage, fejn il-users jistgħu jissottoskrivu biex jiġu nnotifikati dwar l-aħbarijiet tal-Agency;

- L-informazzjoni tal-pajjiżi membri kollha issa tista' tinkiseb direttament mill-homepage jew permezz ta' mappa interattiva;

- Fuq kull paġna ddedikata lill-pajjiż, jistgħu jinkisbu l-pubblikazzjonijiet fil-lingwa nazzjonali u dawn huma pprogrammati mal-links relevanti għalihom;

- Il-websajt issa għandha wkoll funzjoni ta' riċerka, li tgħin lill-user biex isib informazzjoni speċifika (relevanti għalihom) b'aktar ħeffa;

- L-aċċessibiltà għall-websajt żdiedet, u din taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-użu b'W3C.

Nixtiequ nistiednu lill-qarrejja kollha biex jesploraw il-websajt il-ġdida tagħna: **www.european-agency.org**



# GWIDA TA' AĊĊESSIBILITÀ GĦAL EDUKAZZJONI OGĦLA

http://www.european-agency.org/agency-projects/heag

**Il-web area tal-Gwida għall-Aċċessibilità Għal Edukazzjoni Ogħla (HEAG) hija gwida unika għal servizzi ta' sostenn ta' diżabiltà f'Istituzzjonijiet Edukattivi Ogħla (HEIs) mal-Ewropa kollha.**

L-HEAG tipprovdi tipi differenti ta' informazzjoni relevanti għall-istudenti b'diżabiltà li qegħdin jaħsbu biex jistudjaw barra minn pajjiżhom. L-intenzjoni hi li din l-informazzjoni tgħin lill-istudenti u lill-professjonisti li jsostnuhom biex jieħdu deċiżjonijiet dwar programmi possibbli ta' studju u attivitajiet ta' bdil bejn pajjiż u ieħor.

L-esperti tal-proġett minn 26 pajjiż membru tal-Agency flimkien mal-Kroazja u s-Slovakkja kkollaboraw biex jiġbru informazzjoni ffukata, li wieħed jista' jikseb:

- Permezz tal-paġni tal-pajjiżi li joffru informazzjoni speċifika fuq edukazzjoni ogħla;

- Permezz ta' database tal-HEAG li tħalli lill-users biex ifittxu servizzi speċjalizzati u sostenn ta' aċċessibiltà għall-istudenti fl-edukazzjoni ogħla f'kull wieħed mill-pajjiżi.

Mill-paġni tal-pajjiżi inti tista' tikseb informazzjoni dwar sostenn għall-istudenti b'diżabiltà, l-approċju nazzjonali għal edukazzjoni ogħla u diżabiltà, kif ukoll bħala informazzjoni ta' kuntatt ma' nies ewlenin – li jinkludu fihom l-esperti tal-proġett tal-HEAG – fil-pajjiż li inti tkun għażilt.

Barra minn hekk, inti tista' tirriċerka għal istituzzjonijiet speċifiċi u d-disponibiltà ta' servizzi ta' sostenn billi tuża l-links diretti ma' databases li tista' tirriċerka fihom. L-informazzjoni tinkiseb bl-Ingliż u l-lingwa tal-pajjiż li għaliha tirreferi l-informazzjoni.

L-informazzjoni fid-database tkun aġġornata kull sentejn.




Għal aktar tagħrif, jekk jogħġobkom ikkuntattjaw: heag@european-agency.org

# ASSESSJAR F'AMBJENTI INKLUŻIVI




**Aktar minn 150 parteċipant li jirrappreżentaw 27 pajjiż iltaqgħu waqt Konferenza – 'Assessjar f'Ambjenti Inklużivi' organizzata flimkien mill-Ministru Ċiprijott tal-Edukazzjoni u Kultura u l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali, f'Limassol, Ċipru, 23–24 ta' Ottubru 2008. Il-konferenza kienet il-punt tal-wasla ta' tliet snin ta' xogħol li eżaminat il-policy u l-prattika tal-assessjar li jsostni l-inklużjoni f'ambjenti mainstream.**

Il-proġett 'Assessjar f'Ambjenti Inklużivi' beda fl-2004 meta l-membri Rappreżentattivi tal-Board tal-Agency iltaqgħu u identifikaw 'l-assessjar' bħala qasam ta' tħassib għall-iżvilupp tal-inklużjoni. Il-proġett tal-Agency kien maqsum f'żewġ fażijiet: Fażi 1 (2005–2006) u Fażi 2 (2006–2008). L-ewwel fażi kienet tinvolvi 23 pajjiż u ffukat fuq l-edukazzjoni primarja. Fit-tieni fażi tal-proġett, kienu involuti 26 pajjiż u l-iffukar twessa' biex jikkunsidra wkoll l-assessjar fl-edukazzjoni sekondarja.

F'Fażi 1, il-parteċipanti tal-proġett ippruvaw jikkjarifikaw it-tifsira tat-terminu 'assessjar inklużiv', u wara analiżi bir-reqqa tad-dokumenti tal-policy u diskussjoni tal-prattika kurrenti, fl-aħħar qablu dwar definizzjoni komuni:

> Approċju ta' assessjar f'ambjenti mainstream fejn policy u prattika huma ddisinjati biex jippromwovu t-tagħlim tal-istudenti kollha kemm jista' jkun. L-għan aħħari ta' assessjar inklużiv hu li l-policies u l-proċeduri kollha għandhom jgħinu u jtejbu l-inklużjoni b'suċċess u l-parteċipazzjoni tal-istudenti vulnerabbli għall-esklużjoni, inklużi dawk b'SEN.

Fażi 2 kienet tinvolvi żjajjar f'ħames siti edukattivi bi prattika ta' assessjar inklużiv innovattiv: ir-Reutte District Resource Centre fil-provinċja tat-Tirol, l-Awstrija; Peder Lykke School flimkien mas-servizz ta' konsulenza edukattiv-psikoloġiku (PPR) ta' Copenhagen, id-Danimarka; skejjel fid-distrett Montluçon Franza; iċ-Ċentru ta' Assistenza tal-Istat għal min hu Nieqes mid-Dawl (the State Outreach Centre for Visually Impaired), LFS-Schleswig, il-Ġermanja u Cavendish School, Runcorn, ir-Renju



Unit (l-Ingilterra) u l-iskejjel imsieħba magħhom minn dawk mainstream. Waqt iż-żewġ żjajjar f'kull sit, esperti tal-proġett tal-pajjiżi kellhom l-opportunità li jaraw ambjenti ta' skejjel u jiddiskutu eżempji ta' prattika ta' assessjar.

Sejba ewlenija tal-proġett kienet li l-assessjar inklużiv għandu jintqies bħala proċess kontinwu li jinvolvi l-għalliema fil-mainstream, il-ġenituri u l-istudenti nfushom aktar milli l-professjonisti biss minn barra l-klassi mainstream. L-approċċi, il-metodi u l-għodod, kif ukoll in-nies involuti għandhom jagħrfu li l-viżjoni ta' assessjar inklużiv hija parti fundamentali fil-proċess tat-tagħlim u t-tgħallim.

Sejba oħra importanti li ħarġet mill-proġett għandha x'taqsam mal-kunċett ta' Assessjar għal Tgħallim u kif din tista' tiġi applikata fl-assessjar ta' studenti bl-SEN. L-evidenza wriet li Assessjar *għal* Tgħallim

**ikompli...**

għal studenti li kellhom jew ma kellhomx SEN kienet ibbażata fuq l-istess prinċipji u li l-unika differenza fl-Assessjar *għat*-Tgħallim hija essenzjalment fit-tip ta' għodod u metodi ta' assessjar użati mill-għalliema.

Fuq kollox, il-proġettt wasal għall-konklużjoni li l-assessjar huwa qasam essenzjali għall-iżvilupp ta' edukazzjoni inklużiva u li l-policy makers u l-prattikanti għandhom iqisu l-policies u l-prattika fid-dawl ta' prinċipji ta' assessjar inklużiv.

L-informazzjoni dwar is-sejbiet ewlenin mill-proġett jistgħu jinkisbu f'materjal differenti tal-Agency li jinkludi r-rapport ta' *Assessjar f'Ambjenti Inklużi – Aspetti Ewlenin għall-Policy u l-Prattika*, li jippreżenta s-sejbiet ewlenin mill-ewwel fażi tal-proġett. Din hija msejsa fuq informazzjoni li tiddeskrivi l-policy ta' assessjar u l-prattika



pprovduta minn 23 pajjiż u hija akkumpanjata minn flyer li fih taqsira.

Barra minn hekk, numru ta' studji qosra ta' diskussjoni jistgħu jinkisbu għal skop ta' ddawnlowdjar mill-websajt tal-Agency:

*Twettiq ta' Assessjar Inklużiv* – juża l-vuċijiet tal-policy makers u l-prattikanti li jitkellmu dwar l-esperjenzi u l-prattika, li jippreżentaw sinteżi tal-oqsma ewlenin għal twettiq ta' assessjar inklużiv.

*Assessjar għal Tgħallim għal Assessjar Inklużiv* – jippreżenta serje ta' indikaturi ġenerali u prikondizzjonijiet assoċjati li jistgħu jintużaw bħala gwida biex jindirizzaw in-natura u l-iżvilupp ta' policies, proċeduri u prattika ta' żvilupp ta' assessjar inklużiv.



*Ir-Rakkomandazzjonijiet ta' Ċipru fuq Assessjar Inklużiv* – huwa r-riżultat ta' dibattiti u konklużjonijiet kollettivi ta' rappreżentanti ta' pajjiżi li jattendu l-konferenza tal-Agency li nżammet f'Limassol f'Ottubru 2008. Din tippreżenta l-proċessi li jsostnu l-inklużjoni. *Ir-Rakkomandazzjonijiet ta' Ċipru* kienu ċċirkulati mill-Ministru tal-Edukazzjoni Ċiprijott lill-kollegi Ministerjali tiegħu kollha mal-Ewropa kollha.

L-Assessjar fl-area web ta' Ambjenti Inklużivi – (http://www.european-agency.org/agency-projects/assessment-in-inclusive-settings) tippreżenta l-materjal kollu tagħhom żviluppat bħala riżultat ta' proġett ta' tliet snin. Dan jinkludi informazzjoni dwar esperti nominati li pparteċipaw fil-proġett, u ġabra ta' materjal f'Fażi 1 u 2 tal-proġett. Barra mill-materjal li nsibu hawn fuq, insibu wkoll:

- *Rapporti Sħaħ tal-Pajjiżi* li huma mogħtija f'indiċi u li jużaw termini-muftieħ maqbula mill-proġett;
- *Matriċi ta' Rakkomandazzjonijiet*, imħejjija bħala għodda biex jgħinu lill-qarrejja biex jirreferu min-naħa għal oħra tar-rakkomandazzjonijiet ippreżentati f'Fażi 1 tar-rapport fil-qosor, mal-proġett tar-Rapport tal-Pajjiż;
- *Ħarsa ġenerali tal-letteratura mhux-Ewropea*;
- *Ir-Riżorsi tal-Gwida tal-Assessjar*, li fih riżorsi minn 25 pajjiż li nġabru fit-tieni fażi tal-proġett.

Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok mur www.european-agency.org/agency-projects/assessment-in-inclusive-settings, secretariat@european-agency.org

# ID-DANIMARKA – Azzjoni flimkien: Stimulu għall-esplorazzjoni tal-inklużjoni



**Flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali l-istaff ta' Peder Lykke School f'kooperazzjoni mas-servizz konsultattiv edukattiv-psikoloġiku (PPR) ta' Copenhagen studjaw modi ġodda kif jilqgħu lill-ġenituri fl-iskola peremezz ta' dak l-hekk imsejjaħ Proġett ta' Azzjoni Flimkien.**

Tnejn mill-professjoniisti fiċ-ċentru tal-iżvilupp ta' dan il-proġett kollaborattiv – Kirsten Hansen, Konsulent tal-Iżvilupp, u Jette Lentz, Mexxej tas-Servizz Psikoloġiku – iddeskriva l-proġett b'dan il-mod:

'Aħna nsostnu l-politikanti lokali fl-iżvilupp ta' metodi u strateġija ta' żvilupp fl-inklużjoni fil-qasam tal-edukazzjoni speċjali fid-Dipartiment tat-Tfal u ż-Żgħażagħ f'Copenhagen. Il-metodi applikati fil-proġett tal-Azzjoni Flimkien kienet imxerrda u introdotta, mhux biss fid-distrett tagħna (Inner City), imma fi skejjel f'distretti oħra f'Copenhagen ukoll. Barra minn hekk, il-psikologi li jaħdmu fis-servizz konsultattiv fid-distrett tagħna issa qegħdin jużaw approċju ħolistiku fix-xogħol tagħhom.

Il-muniċipalità ta' Copenhagen iddeċidiet li tibda riforma ta' edukazzjoni speċjali biex tassigura li t-tfal bi ħtiġijiet speċjali jkunu inklużi f'Folkeskole. Ir-riforma ġiet introdotta parallellament mal-proġett



tal-Azzjoni Flimkien biex tgħinna niksbu influenza minn u nxerrdu t-tagħrif lill-istakeholders varji fl-Amministrazzjoni tat-Tfal u ż-Żgħażagħ.

F'Settembru 2008 għamilna konferenza fis-City Hall ta' Copenhagen. Rappreżentanti fil-proġett mill-Assessjar tal-Agency f'Ambjenti Inklużivi flimkien ma' numru ta' riċerkaturi Daniżi ppreżentaw l-opinjonijiet u l-attitudnijiet tagħhom lil numru ta' professjonisti u nies oħrajn li jieħdu d-deċiżjonijiet – mill-muniċipalità. Aħna għamilna



wkoll DVD dwar il-proġett [jekk jogħġbok uża l-informazzjoni tal-kuntatt t'hawn taħt għal aktar dettalji].

Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-affarijiet żviluppaw b'mod mgħaġġel. Mit-8 distretti f'Copenhagen, l-Inner City District ingħażel bħala distrett pijunier fir-riforma ta' edukazzjoni speċjali. Ix-xogħol fid-distrett se jagħmilha possibbli għalina li nkunu mudell ta' rwol għad-distretti l-oħra fil-muniċipalità.

Aħna ngħażilna, għaliex konna involuti fix-xogħol tal-proġett tal-Agency, li kien jinvolvi l-esplorazzjoni ta' żviluppi fl-assessjar mal-Ewropa. Il-proġett tana opportunità tajba biex naqsmu informazzjoni internazzjonali, kif ukoll biex ninfluenzaw il-politika u l-metodi ta' inklużjoni fil-muniċipalità ta' Copenhagen.'

Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lil: Kirsten Hansen, Development Consultant, e-mail: Kirsha@Buf.Kk.Dk, Jette Lentz, Mexxej tas-Servizz Piskoloġiku fl-Aministrazzjoni tat-Tfal u ż-Żgħażagħ, e-mail: Jette.Lentz@Buf.Kk.Dk, it-tnejn mid-dipartiment ta' Copenhagen City, id-Dannimarka.

# IL-ĠREĊJA – Riformi riċenti fis-sistema edukattiva Ellenika





**Il-Gvern Grieg dan l-aħħar adotta sett ta' objettivi strateġiċi li jiffukaw fuq l-edukazzjoni terzjarja. Il-Gvern irnexxielu jippromwovi inizjattivi li saru liġijiet bejn 2004 u 2007, bil-għan li jikkonverġu mal-istandards u l-benchmarks edukattivi Ewropej.**

L-objettivi għandhom l-għan li jirrevedu l-qafas leġiżlattiv li għandu x'jaqsam ma': a) L-istruttura tal-istituzzjonijiet edukattivi, b) Aġenzija ġdida għal grad ta' għarfien (L 3328/2005), ċ) Assigurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla (HE), d) Tgħallim tul il-ħajja u programmi ta' studji konġunti (L 3369 & 3404/2005), e) Il-ħolqien tal-Università Ellenika Internazzjonali (L3391/2005) u liġijiet oħra dwar l-ICT fit-tagħlim, l-edukazzjoni vokazzjonali, trattament indaqs għan-nisa u rġiel, rekwiżiti għal dħul fl-edukazzjoni ogħla u kriterji ta' eliġibiltà. Ġew immarkati b'importanza żewġ żviluppi:

**1. Riformi fl-operazzjoni ta' skejjel inklużivi** – l-istudenti kollha jsegwu s-sistema mainstream tal-istat, li tikkonsidra l-ħtiġijiet edukattivi partikolari tagħhom; pereżempju l-edukazzjoni interkulturali għall-istudenti minn gruppi minoritarji etniċi u edukazzjoni speċjali għal studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali. Madanakollu, l-iskejjel ġew stabbiliti għal minoritajiet Musulmani.

**2. Riformi fis-sistema tat-Taħriġ tal-Għalliema** – minn 2005–2007, l-Istitut Pedagoġiku għamel programm ta' ċertu sinifikanza għat-Taħriġ tal-Għalliema. It-taħriġ għall-għalliema biex jintlaħqu ħtiġijiet edukattivi speċjali huwa organizzat u mmexxi fil-qafas tas-sistema ġenerali tat-taħriġ. Il-Liġi ta' Edukazzjoni Speċjali tgħid b'mod ċar li *'Għalliema li jgħallmu fi skejjel għal edukazzjoni speċjali u f'ambjenti inklużivi jsegwu programmi ta' riedukazzjoni fiċ-Ċentri Reġjonali għat-Taħriġ'* flimkien mal-għalliema l-oħra kollha tal-primarja u l-edukazzjoni sekondarja kif definit f'artiklu 4 tal-Liġi (jiġifieri li l-għalliema kollha jsegwu taħriġ f'edukazzjoni speċjali). Mill-2004 dawn il-programmi kienu mwettqa:

*Użu ta' ICT fit-tagħlim:* programm ta' 100-hour ipprovdut fi tliet fażijiet: a) approċċ xjentifiku fl-użu tal-ICT fit-tagħlim, b) il-proċess tal-iddisinjar u l-provvediment ta' tagħlim tal-ICT fl-iskejjel u ċ) problemi li jqumu waqt it-tagħlim tal-ICT fl-iskejjel kif ukoll metodi kif jsolvuhom.

*Taħriġ fl-użu ta' teknoloġiji ġodda:* programm ta' 96 siegħa b'żewġ azzjonijiet, a) titjib fl-użu ta' PCs mill-għalliema u b) l-użu ta' teknoloġiji ġodda fl-edukazzjoni.

*Evalwazzjoni u bdil ta' opinjonijiet:* Diskussjonijiet ta' problemi li jkunu ltaqgħu magħhom l-għalliema fis-sena ta' qabel bħala riżultat ta' użu ta' kotba ġodda u l-evalwazzjoni tal-użu tagħhom.

*Programmi ta' taħriġ għall-immaniġġjar ta' ħtiġijiet diversi:* programm ta' 50 siegħa li attendew għalih għalliema tal-edukazzjoni primarja u sekondarja ddisinjat biex jgħollu l-livell tal-għarfien, itejbu l-prattika u jipperfezzjonaw il-kompetenza meta jiġu wiċċ'mbwiċċ ma' diżabiltajiet fit-tgħallim u abilitajiet speċjali ta' stuenti f'approċċ inkluživ, problemi ta' mġiba (aggressjoni, vjolenza, diżordnijiet emozzjonali) u diversità kulturali.

Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lil: Maria Palaska-Ioannidis, Agency National Co-ordinator: mpalask@sch.gr, Maria Michaelidou, Agency Representative Board member: smi@acm.org

# SPANJA – ‘Tots músics, tots diferents’ (il-mużiċisti kollha, kollha differenti)



**Ir-reġjun ta’ Valencia huwa magħruf fi Spanja kollha għall-isfond tal-mużika tiegħu; huwa l-post ta’ numru kbir ta’ mużiċisti kkwalifikati u ħafna assoċjazzjonijiet mużikali, li lkoll jikkontribwixxu għall-edukazzjoni mużikali. Il-belt ta’ Torrent hija eżempju ta’ dan: għandha Awditorju u għadd ta’ assoċjazzjonijiet mużikali li flimkien mal-Konservatorju Professjonali tal-Mużika jgħinu biex joħolqu ambjent li jsostni edukazzjoni mużikali.**

Il-Konservatorju ta’ Torrent huwa ċentru li jħejji studenti tal-mużika mill-gradi tal-mużika elementari u professjonali. Dan ilu jsir mill-1971 u maż-żmien kiber u kkonsolida l-medda wiesgħa ta’ attivitajiet mużikali li jista’ joffri lill-istudenti. Bħalissa, total ta’ 62 għalliem/a, 8 personnel fl-amministrazzjoni u servizzi oħra jagħmlu l-istaff li jaħdem mal-540 student/a li huma iskritti fl-Konservatorju.

Fl-2003, fl-istess żmien tas-Sena Ewropea għal Nies b’Diżabiltà u l-proposta mill-membri tal-istaff tal-Konservatorju, il-Ministeru tal-Edukazzjoni tal-gvern awtonomu ta’ Valencia, awtorizza proġett magħruf bħala ‘Tots músics, tots diferents’ (il-mużiċisti kollha, kollha differenti) li ta ċ-ċans, għall-ewwel darba fi Spanja, lil studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali biex jistudjaw studji mużikali elementari.

Is-slogan ‘Tots músics, tots diferents’ ma jqisx id-diżabiltà bħala xiħaġa li għandha teskludi tifel/tifla minn edukazzjoni mużikali.



Ħames snin wara, 12-il student/a li kienu ħadu sehem fi proġett esperimentali, qegħdin jistudjaw b’suċċess u kisbu livell għoli edukattiv kif ukoll ta’ integrazzjoni soċjali fl-istudji tagħhom. Is-suċċess ma kienx ikun possibbli mingħajr sfroz tremend u entużjażmu muri mill-komunità edukattiva kollha, kif ukoll bħala s-sostenn mill-istituzzjonijiet pubbliċi kollha (Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Kunsill ta’ Torrent City) u xi kumpanniji privati (Mediterranean Savings Bank).

Dan il-proġett edukattiv kellu għarfien mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u ngħata t-tieni premju tal-‘Marta Mata Award’ għall-kwalità edukattiva għolja fl-2006 u l-‘L-Ewwel Premju fl-2007 għal ċentri li qegħdin jiżviluppaw proġetti ġodda għal studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali.’

Minħabba li dan hu proġett innovattiv, dan l-esperiment biddel il-kunċett tradizzjonali ta’ Konservatorju tal-Mużika u bħala konsegwenza, serje ta’ adattazzjonijiet kellhom isiru fiċ-ċentru fosthom taħriġ għall-għalliema b’mod riformat, bidla fl-attitudnijiet tal-għalliema, ristrutturar taċ-ċentru u bidliet oħra fil-metodoloġija u r-riżorsi.

Il-proġett jidher bħala pass ġenwin ’il quddiem fir-riċerka għal solidarjetà soċjali u ġustizzja u bħala alternattiva għall-esklużjoni taż-żgħażagħ l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà minn opportuntajiet bħalma huma edukazzjoni fl-arti.



Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja:
Yolanda Jiménez Martínez, Agency National Co-ordinator: yolanda.jimenez@educacion.es
Manuel Tomás Ludeña, Il-Kap fil-Konservatorju ta' Torrent manuel_tomas@conservatoritorrent.net

# FRANZA – Żewġ inizjattivi ġodda ta' riċerka u taħriġ



**Is-simpożju, 'Olfazzjoni, Memorja u Tgħallim', l-ewwel avveniment organizzat mill-'Grupp tar-Riċerka tad-Diżabiltà u s-Sensorjetà', inżamm f'Pariġi f'Jannar 27–29, 2009.**

Żewġ mistoqsijiet li ħarġu minn riċerka xjentifika u pedagoġika u li ffukaw fuq il-ħames sensi, kienu l-punt tat-tluq tal-laqgħa: kif nistgħu nużaw sens, li jeżisti anke fil-fetu, biex nikkomunikaw u kif nistgħu ntejbu l-attivitajiet pedagoġiċi għal nies b'diżabiltà?

Is-simpożju kien ir-riżultat tal-kooperazzjoni bejn iċ-Ċentru Ewropew tax-Xjenza tat-Tegħim f'Dijon u l-INS-HEA f'Suresnes (Istitut Nazzjonali Ogħla għall-Edukazzjoni ta' Nies Żgħażagħ b'Diżabiltà u Tagħlim Addattat). Is-simpożju ffoka fuq is-sens tax-xamm, sens li ftit jingħata każu, għalkemm huwa sinifikanti f'ħafna esperjenzi konoxxittivi bħalma huma d-diskriminazzjoni, il-memorja u l-pjaċir.

L-objettivi ta' dan is-simpożju kienu li: jaraw mill-ġdid l-għerf li nafu bih s'issa fil-livell xjentifiku u pedagoġiku; juru kif is-sens tax-xamm jista' jgħin fit-tagħlim, b'mod partikolari għal nies żgħażagħ b'diżabiltà; jagħtu impetu ġdid għal laqgħa u skambjamenti biex b'hekk jinqasam l-expertise f'dan il-qasam.

'Olfazzjoni, Memorja, u Tgħallim' attendewh ħafna riċerkaturi minn pajjiżi differenti, nies li jaħdmu fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, esperti fis-sens tax-xamm, u ġenituri ta' tfal b'diżabiltà; il-mistoqsija tal-olfazzjoni kienet eżaminata min-naħa ta' perċezzjonijiet, sensibilitajiet u esperjenzi differenti li jinkludu fihom rabtiet bejn is-sens tax-xamm, l-emozzjonijiet u l-memorja, l-influenza tax-xamm fuq il-proċess tat-tgħallim ta' nies żgħażagħ b'diżabiltà, u l-applikazzjonijiet tax-xamm fit-titjib tal-ħajja ta' kuljum ta' nies b'diżabiltà.

**Nakkomodaw tfal żgħar b'diżabiltà – programm ta' taħriġ ta' 12½ li attendewh 120 ruħ li jaħdmu ma' tfal żgħar f'belt ewlenija fin-naħa ta' fuq ta' Franza.**

Il-programm kellu żewġ objettivi: li jiżviluppa fehim ta' kif tfal b'diżabiltà jistgħu jiġu akkomodati fi strutturi għal tfal żgħar u biex jgħinu lil nies differenti f'dawn l-istrutturi biex jaħdmu flimkien u biex jaqsmu l-esperjenzi bejniethom.

It-temi mistħarrġa kienu dawn:

- Il-qafas legali u istituzzjonali għall-akkomodazzjoni ta' tfal b'diżabiltà;
- L-expertise tal-imsieħba f'istituzzjonijiet u assoċjazzjonijiet lokali li magħhom huwa possibbli li toħloq network;
- Numru ta' punti ta' referenza fil-qasam tad-diżabiltà, mard u diffikultajiet, marbuta ma' problemi ta' akkomodazzjoni, sostenn u edukazzjoni ta' tfal żgħar.

Ir-rapport tal-Agency *Intervent Bikri fit-Tfulija: Analiżi tas-sitwazzjonijiet fl-Ewropa – Aspetti u Rakkomandazzjonijiet Ewlenin* ingħata lil dawk kollha li attendew bħala dokument ta' referenza.

Dan il-programm ta' taħriġ se jkun propost fuq bażi esperimentali f'żewġt ibliet oħra qabel ma jiġi offrut b'mod aktar wiesa' fi Franza kollha.

Għal aktar tagħrfi, jekk jogħġbok ikkuntattja lil: Nel Saumont, Agency National Co-ordinator: international@inshea.fr

# IL-PORTUGAL – Il-linja editorjali tippromwovi l-ħiliet fil-litteriżmu




Fil-Portugal, id-Dar tal-Pubblikazzjoni CERCICA fetħet linja editorjali ta' kotba għat-tfal li huma aċċessibbli għat-tfal kollha. Bil-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni tal-Cascais Town Hall, ġabret team ta' professjonisti li, permezz ta' xogħol flimkien, irnexxielhom jimlew vojt li s'issa ma kienx mimli fis-suq Portugiż.

Żewġ kotba diġà ħarġu fis-suq, *O Segredo do Sol e da Lua* u *O Gato Gatão Poeta de Profissão*. Kull ktieb huwa ppreżentat f'erba' formats: (i) verżjoni miktuba ma' DVD interattiva, li tinkludi verżjoni awdjo; (ii) verżjoni adattata f'Simboli Pitttografiċi għall-Komunikazzjoni; (iii) verżjoni fil-Lingwa tas-Sinjali Portugiża u (iv) verżjoni Braille. Id-DVD tinkludi wkoll kontenut pedagoġiku, ippreżentati b'mod tal-logħob.

Indipendement mill-abilitajiet individwali ta' kull qarrej, tfal u adulti issa għandhom għodda li se tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-litteriżmu.

Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok mur:
http://www.editoracercica.com/

# L-ISLANDA – Programm tal-università għall-istudenti b'diżabiltajiet intellettwali




**Nhar l-20 ta' Ġunju 22 student ggradwaw mill-Università tal-Islanda b'diploma marbuta max-xogħol iddisinjata b'mod speċjali għal studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali.**

Il-programm, li beda fil-ħarifa 2007, joffri għall-ewwel darba fl-Islanda edukazzjoni universitarja għal studenti b'diżabiltajiet intellettwali. Il-programm kien organizzat bħala proġett ta' żvilupp ta' riċerka ta' sentejn fil-Fakultà tal-Istudji Soċjali u kien fil-linja tal-policy uffiċjali tal-organizzazzjoni internazzjonali li ssostni nies bi ħtiġijiet edukattivi speċjali, il-konvenzjoni tad-drittijiet umani u l-policy tal-Università tal-Islanda.

L-għan ewlieni tal-programm kien li jagħti lill-istudenti b'diżabiltajiet intellettwali opportunità li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà. Li wieħed jagħmel kors ma' studenti oħra mill-università kien, għalhekk, parti integrali, l-istess kif kienet sistema ta' mentor ma' studenti oħrajn li tipprovdi appoġġ fuq bażi individwali.

Kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti fil-programm esprimew sodisfazzjon kbir bl-esperjenza tas-sentejn. L-amministraturi rrappurtaw li l-istudju kien għolla l-livell ta' l-istima fihom infushom tal-istudenti u tejjeb il-ħiliet fl-interazzjonijiet soċjali barra l-għerf akkademiku u l-ħiliet fl-qasam tax-xogħol li huma jkunu għażlu. L-istudenti kienu b'mod speċjali kuntenti bl-opportunità li jistudjaw flimkien ma' studenti li ma kinux mhux-intellettwalment diżabbli, li fl-opinjoni tagħhom kien fattur kritiku f'din l-esperjenza edukattiv ta' suċċess.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja: Bryndís Sigurjónsdottir, Agency National Co-ordiantor: bryndis@bhs.is

# L-ISVEZJA – Il-ħajja ta' kuljum fl-iskola għal studenti b'diżabiltajiet fiżiċi: studju etnoloġiku



**Is-sitwazzjonijiet soċjali tal-istudenti li jesperjenzaw (tagħlim u) inklużjoni jew esklużjoni huma karatteristika tal-ħajja ta' kuljum fl-iskejjel għal studenti b'diżabiltajiet fiżiċi. Is-sitwazzjoni tal-iskola għal dawn l-istudenti hija kumplessa u tinħtieġ sforzi mill-personnel tal-iskola involuti kollha: għalliema, assistenti u pinċipali għal awtoritajiet lokali u tal-gvern.**

L-aspett ewlieni għal dan l-istudju hu: kif inhi l-ħajja ta' kuljum fl-iskola għal dawn l-istudenti? Ir-rapport tal-istudju juri dawn il-punti u perspettivi: kostruttiviżmu; il-perspettiva tal-istudent/a; il-perspetttiva ta' tfal oħra; l-etnografija u l-analiżi kulturali. Huwa esplorattiv u jagħti dehra ġenerali tal-ħajja ta' kuljum tat-tifel/tifla.

Qasam prominenti hija s-sitwazzjoni soċjali tal-istudenti. L-interazzjoni bejn l-istudent/a b'diżabiltà u t-tfal tamparhom tvarja, l-istess kif tvarja l-okkorrenza ta' studenti li huma inklużi u esklużi. Is-sitwazzjoni soċjali hija kkaratterizzata mill-kumplessità. Bħala eżempju, huma parti minn ħafna sitwazzjonijiet ta' tagħlim differenti. Is-soluzzjonijiet organizzattivi tal-iskola u l-kulturi tal-iskola u l-istudenti huma ta' importanza ċentrali.
Qasam ieħor hija l-edukazzjoni tal-istudenti u l-iżvilupp tal-għarfien. L-istaff tal-iskola u l-ġenituri tkellmu dwar il-qasam tal-inċertezza dwar it-tagħlim u staqsew għal aktar tagħrif u l-għarfien. L-istudju jikkonkludi li l-istudenti għandhom ħtiġijiet individwali, per eżempju għal aktar ħin u soluzzjonijiet pedagoġiċi differenti u li hemm ħtieġa għal taħriġ f'korsijiet ta' aġġornament u djalogu.

L-istudju jissuġġerixxi li hemm appoġġ qawwi għall-prinċipji ta' inklużjoni, imma inċertezza fuq kif tinbidel il-prattika. Id-diżabiltajiet kumplessi tal-istudenti jżidu dejjem l-esiġenzi u l-isfidi fuq il-kapaċità tal-iskola li tkun flessibbli u li tipprovdi individwalizzazzjoni lill-istudenti.

Il-konklużjonijiet ta' studju ieħor jiffukaw fuq: l-importanza tal-impenn; l-għarfien li sitwazzjonijiet li jeskludu ħafna drabi mhumiex evidenti u li l-ġerarkija (sistema ta' poter) fejn diżabiltà u ġeneru jidħlu f'xulxin. Dawn kollha juru l-ħtieġa ta' riflessjoni dwarna nfusna u strateġiji ta' inklużjoni għall-personnel kollha tal-iskola u l-awtoritajiet involuti.



Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil: Göran Nygren, Uppsala University:
goran.nygren@etnologi.uu.se
Ir-rapport jista' jitniżżel bl-Isvediż minn:
http://publications.uu.se/abstract.xsql?dbid=9351

# IL-LUSSEMBURGU – ‘L-iskola fundamentali’, il-ġdida



**Tliet liġijiet li fasslu l-qafas għall-‘iskola fundamentali’, il-ġdida kienu vvutati fil-21 ta’ Jannar 2009. Flimkien, dawn it-tliet liġijiet jorganizzaw mill-ġdid l-ewwel disa’ snin tal-edukazzjoni fil-livell pedagoġiku u organizzattiv, biex jiġu assigurati riżultati aħjar għall-istudenti kollha. Dawn se jibdew jiġu attwati f’Settembru 2009.**

Kull skola fundamentali issa se tkun tista’ tiddifferenzja l-edukazzjoni tagħha u tiddeċiedi fuq u twettaq l-inizjattivi tagħha biex iġġib lill-istudenti fil-livell jew aktar tal-kompetenzi meħtieġa. Il-linji wiesgħa għat-twettiq għas-sena skolastika 2009–2010 huma dawn:

*Ċikli ta’ tagħlim* – minn Settembru 2009 ’il quddiem, l-iskejjel kollha ta’ qabel l-iskola u tal-primarja, li issa se jissejħu skejjel fundamentali, se jiġu organizzati f’erba’ ċikli ta’ tgħallim. Iċ-ċikli ta’ tgħallim se jieħdu post l-organizzazzjoni tradizzjonali tas-snin tal-iskola.

*Teamijiet edukattivi* – f’kull skola, in-nies kollha li jgħallmu u li jieħdu t-tfal tal-istess ċiklu ta’ tagħlim se jikkonsultaw ma’ xulxin u jaħdmu f’teams.

*Teamijiet multiprofessjonali* – kull skola fundamentali tkun kapaċi li ssejjaħ team multiprofessjonali. Kompost minn speċjalisti differenti, it-team multiprofessjonali se joffri appoġġ lit-tfal bi ħtiġijiet speċjali.

*Approċji ta’ kompetenza* – edukazzjoni u tgħallim ibbażati fuq kompetenzi huma fil-qofol tar-riforma u approċji ta’ kompetenza jibdew jiġu progressivament imwettqa. Teamijiet pedagoġiċi jiffukaw fuq il-kompetenzi mfassla għall-erba’ ċikli edukattivi u jikkreaw sitwazzjonijiet ta’ tagħlim li jikkorrispondu mal-approċju tal-kompetenza.

*Għodod ta’ assessjar ġdid* – jiġu introdotti biex juru aħjar il-modi li fihom l-istudent/a jkun żviluppa fir-rigward tal- kommpetenzi u f’liema oqsma hija/hu ikun għad irid jagħmel progress.

*Il-pjan tas-suċċess tal-iskola* – kull skola tissettja pjan ta’ suċċess għall-iskola, li jiddefinixxi l-għanijiet partikolari ffissati mill-iskola biex tmexxi lill-istudenti lejn is-suċċess. Biex twieġeb għall-ħtiġijiet identifikati fil-pjan tagħhom, l-iskejjel għandhom ċertu grad ta’ awtonomija. Huma jistgħu jaġġustaw l-iskedi uffiċjali, jagħżla l-għajnuniet tat-tagħlim, jimmodifikaw l-iggruppjar tat-tfal, eċċ.

*Kumitajiet tal-iskejjel* – fis-Sajf 2009, kull skola għamlet kumitat tal-iskola u appuntat chairman. Mis-sena li ġejja ’l quddiem, il-missjoni tal-kumitat se tkun li ssostni l-organizzazzjoni tal-iskola, li tagħmel il-pjan ta’ suċċess tal-iskola, li tapprova l-għażla tal-għajnuniet għat-tagħlim u li taħdem mal-ġenituri:

Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok mur: www.men.lu

# IL-BELĠJU (IL-KOMMUNITÀ LI TITKELLEM BIL-FJAMMIN) – Proposta għal qafas ġdid ta' sostenn ta' tagħlim




**Bħala tweġiba għall-ħtieġa li jkollhom sistema ta' skola aktar inklużiva skont l-iżviluppi internazzjonali, il-Ministru tal-Edukazzjoni tal-Fijandra żviluppa pjan għal sistema gradata ta' sostenn ta' tagħlim għal-iskola, li jinkludi d-dritt li tagħżel bejn skejjel mainstream jew skejjel speċjali li fihom tirċievi l-istess livell ta' assistenza.**

Skont l-mudell tad-diżabiltà tal-WHO (ICF), il-proposta l-ġdida tissuġġerixxi l-ewwel modi biex tiddetermina l-livell ta' adattazzjoni kurrikulari u l-assistenza meħtieġa, li tagħti każ il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tifel/tifla. Matriċi klassifikanti ġiet proposta fejn ħtiġijiet speċjali huma kkaratterizzati mil-livell li student/a jkollu bżonn ta' assistenza edukattiva u l-għadd ta' diffikultajiet li hu/hi tesperjenza.

Biex tiddetermina l-validità u l-affidabiltà ta' din is-sistema l-ġdida, kampjun magħżul ta' 8,648 ta' studenti (minn total ta' 1,109,909, bejn 2.5–18) minn skejjel mainstream u skejjel primarji u sekondarji, ġew assenjati lil wieħed mill-postijiet matriċi. Psikologi tat-73 Servizzi Psikoloġiċi għall-Iskejjel (SPS) instaqsew biex jagħrfu l-ħtiġijiet speċjali, skont il-kriterji l-ġodda. Ġiet iddisinjata formula mibnija fuq il-web manwali u elettroniku, ġiet installata helpdesk u nfetħet databse fejn kollaboraturi SPS setgħu jniżżlu r-rimarki tagħhom.

Instab li madwar 20% tat-tfal tal-età tal-primarja għandhom xi tip ta' ħtiġijiet speċjali. Minn dan il-grupp, 12.5% kellhom indeboliment intellettwali u/jew diżabiltà u 3.3% tat-tfal kollha tal-età primarja kellhom dijanjożi ta' diżordni fl-imġiba jew fl-autistic spectrum. 16% ta' 12–18-il sena jinħtieġu livelli ogħla ta' adattazzjoni; minn dan il-grupp, 8.9% għandhom indeboliment intellettwali ħafif u/jew diżabiltà fit-tagħlim; 3.4% tat-tfal kollha tal-iskola sekondarja għandhom dijanjożi ta' diżordni fl-imġiba jew fl-autistic spectrum.

Il-matriċi l-ġdida wriet li kienet sistema valida u ta' min joqgħod fuqha. Madanakollu, hemm xi problemi. L-istaff tal-iskola mhumiex imħejjija biżżejjed. Hemm bżonn li jsir investiment massiv fit-taħriġ mill-ġdid tal-għalliema biex l-iskejjel isiru aktar kompetenti fil-mod kif jittrattaw tfal bi ħtiġijiet speċjali b'mod inklużiv. Din is-sistema tkun tinħtieġ ukoll s-Servizzi Psikoloġiċi tal-Iskola li jiġu mħarrġa fl-ICF-CY. Dan hu neċessarju biex jgħinhom jikkunsidraw l-iffunzjonar b'mod bijo-psiko-soċjali, kif ukoll biex jagħmlu assessjar imsejjes-fuq-il-ħtiġijiet u dinamiku tal-potenzjal (aktar mill-mod psikometriku li qiegħed jintuża ħafna bħalissa) u kif ukoll jagħti każ tal-fatturi kuntestwali bħalma huma l-familja u l-ambjent tal-iskola. Is-sistema qiegħda tiġi diskussa fil-livell politiku u, bit-tibdil riċenti fil-gvern, dan mhux qiegħed isir.


Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja:
Jo.lebeer@ua.ac.be & elke.struyf@ua.ac.be – University of Antwerp
marijke.wilssens@arteveldehs.be – Artevelde Teacher Training College for Special Needs
theo.mardulier@ond.vlaanderen.be – Flemish Ministry of Education and Training and Agency Representative Board member

# IL-ĠERMANJA – Ratifikazzjoni tal-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għal nies b'diżabiltà

**F'Marzu 2009 il-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kienet implimentata. Bil-firma tagħha, il-Ġermanja hija obbligata li tpoġġi fil-prattika l-prinċipju tal-inklużjoni. Fil-Land of Schleswig-Holstein, sena ta' edukazzjoni inklużiva qiegħda tiġi implimentata taħt il-motto ta': 'immorru aħjar flimkien'.**

F'April 2009, il-Ministru tal-Edukazzjoni ta' Schleswig-Holstein, Ute Erdsiek-Rave qal: '*Aħna għandna bżonn ta' bidla fid-direzzjoni pedagoġika fuq livell nazzjonali. Minħabba li l-edukazzjoni inklużiva ma tfissirx li t-tifel/a jkun addatta lilu/lilha nnifisha għall-iskejjel eżistenti; din jinħtieġ li tiġi invertita. Skola inklużiva mainstream ġeneralment tfisser li kull tifel/a huwa milqugħ, speċjalment u anke jekk hi jew hu jkollhom problemi ta' saħħa, soċjali jew edukattivi kif ukoll fl-eżekuzzjoni.*'

Il-ftuħ sar waqt simpożju internazzjonali li nżamm Rendsburg, li ffokka fuq parteċipanti Ġermaniżi u Ewropej – inklużi membri tal-Agency – jitgħallmu minn xulxin. Aktar avvenimenti għandhom jgħinu biex isostnu dan il-proċess ta' twettiq bil-għan li jiżviluppaw pjan ta' azzjoni għall-għaxar snin li ġejjin, inklużi aspetti ta' modifikazzjoni ta' liġijiet u regulazzjonijiet u l-iffinanzjar tal-qafas għal sistema ta' skejjel inklużivi.

**Konferenza Nazzjonali li tiffoka fuq artiklu 24 tal-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-drittijiet tan-nies b'diżabiltà nżammet fl-1 ta' Lulju 2009.**

F'dil-konferenza ħadu sehem Karin Evers-Meyer u r-rappreżentanti tal-Affarijiet Soċjali tal-Ministeru Federali għal Nies b'diżabiltà bi Ħtiġijiet Speċjali, li ppreżentaw ir-riżultati għall-kampanja tagħhom 'Kollox inklużiv! Il-Konvenzjoni l-ġdida tal-Nazzjonijiet Uniti.'

Brochure wkoll jippreżenta l-mandati relatati mal-qasam tal-edukazzjoni. Jitlob għal pjan ta' azzjoni għal edukazzjoni inklużiva; miżuri ta' aċċess ħieles u kundizzjonijiet ta' studju inklużiv fl-universitajiet u inizjattivi għall-iffinanzjar ta' għajnuniet soċjali li huma organizzati b'mod aktar koerenti. Il-kampanja 'Kollox inklużiv!' saret bejn Jannar u Marzu bi tmien konferenzi organizzati mill-Ministeru Federali tal-Affarijiet Soċjali għall-Ħtiġijiet ta' Nies b'Diżabiltà u 22 assoċjazzjoni, li ħarsu lejn oqsma differenti tal-Konvenzjoni tal-NU.

Il-ktejjeb bir-riżultati tal-kampanja jinsabu fil-link: http://www.alle-inklusive.behindertenbeauftragte.de/

# IR-RENJU UNIT (L-Ingilterra) – Suċċess għal kulħadd: titjib ta' riżultati-mira għal tfal u żgħażagħ bi ħtiġijiet speċjali edukattivi u diżabilitajiet

**Suċċess għal Kulħadd (Achievement for All) huwa proġett pijunier li se jqajjem l-aspirazzjonijiet għal tfal u żgħażagħ bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u diżabiltajiet, f'iffukkar fuq r-riżultati-mira edukattivi.**

460 skola madwar 10 awtoritajiet lokali fl-Ingilterra se jorganizzaw il-proġett għal sentejn minn Settembru 2009 permezz ta' approċju ta' tagħlim personalizzat, assessjar akkademiku rigoruż, ittrekkjar/segwiment u intervent, li fihom jieħdu sehem il-ġenituri u t-titjib f'livell usa' ta' riżultati-mira.

L-iskejjel u l-awtoritajiet lokali li jieħdu sehem f'Suċess għal Kulħadd se jkunu prekursuri għall-personalizzazzjoni. Fl-aħħar tal-proġett, l-iskejjel għandhom ikunu żviluppaw norma partikolari ta' suċċess għoli għall-istudenti tagħhom u jkunu jafu li għandhom medda ta' tgħallim imsejjes fuq l-evidenza u l-approċji tat-tagħlim li minnhom jieħdu t-tagħrif li jkollhom bżonn. L-awtoritajiet lokali li jipparteċipaw f'dawn il-proġetti għandhom iħossuhom kunfidenti li qegħdin jidentifikaw u li jilħqu l-ħtiġijiet tat-tfal bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u diżabiltajiet u jipprovdi servizzi li 'huma tajbin għall-għan proprju'.

Suċċess għal Kulħadd huwa dwar kif jitgħolla l-livell tal-ambizzjoni għal kulħadd, inklużi dawk bi sfidi addizzjonali. Il-proġett se jgħin lil tfal u żgħażagħ bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u diżabiltajiet li jħossuhom aktar siguri bħala tfal li qegħdin jitgħallmu, li jħossuhom pożittivi dwar il-ħajja fl-iskola u li jirrealizzaw il-potenzjal tagħhom kollu.

Se jinvolvi lill-ġenituri, biex jgħinhom ħa jkollhom aktar kunfidenza fis-sistema edukattiva u jkollhom parti attiva fit-tgħallim tat-tfal tagħhom.

Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok mur: http://nationalstrategies.standards.dcsf.gov.uk/node/189431


## Informazzjoni dwar il-produzzjoni

L-Aġenzija Ewropea tal-Iżvilupp għall-Edukazzjoni Għall-Ħtiġijiet Speċjali hija organizzazzjoni indipendenti u li tmexxi lilha nnifisha, sostnuta mill-pajjiżi membri tal-Agency u l-Istituzzjonijiet Ewropej (Kummissjoni u Parlament). Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet possibbli mill-għajnuna tal-pajjiżi membri tal-Agency kif ukoll mid-DG tal-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kumissjoni Ewropea http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm

Education and Culture DG

Lifelong Learning Programme

L-opinjonijiet espressi minn kwalunkwe Individwu fil-EuroNews mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjonijiet uffiċjali tal-Agency, il-pajjiżi membri jew Il-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni ta' dan id-dokument.

Estratti minn din in-newsletter huma permessi darba waħda ssir referenza ċara għas-sors. Verżjonijiet elettroniċi jistgħu jinkisbu mill-websajt tal-Agency: **www.european-agency.org**



**Is-segretarjat:**

Østre Stationsvej 33
DK-5000, Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

**L-Uffiċċju fi Brussel:**

3 Avenue Palmerston
BE-1000, Brussels
Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

Għal kopji addizzjoni ta' din in-Newsletter jew kwalunkwe informazzjoni dwar ix-xogħol tal-Agency, jekk jogħġobkom ikkuntattjaw:

Membru tal-Bord Rappreżentattiv tal-pajjiż, George Borg, george.a.borg@gov.mt



Din il-verżjoni tal-EuroNews hija traduzzjoni prodotta mill-pajjiżi membri tal-Agency mill-manuskritt oriġinali tal-Agency bl-Ingliż. Il-verżjonijiet bl-Ingliż u lingwi oħra ta' dan ir-rapport jistgħu jitniżżlu minn: http://www.european-agency.org/news/euronews

**Ipprintjata minn:** Halstan www.halstan.co.uk

**Tista' tinkiseb minn:** CS, DA, DE, EL, EN, ES, ET, FI, FR, HU, IS, IT, LT, LV, **MT**, NL, NO, PL, PT, SL, SV

**ISSN:** 1902-9845



**© European Agency for Development in Special Needs Education 2009**



**EuroNews tuża karta manifatturata minn polpa tal-injam tal-foresta li hija sostenibbli u bbliċjata bl-użu ta' proċess ħieles minn chlorine elementali (ECF).**